ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
30 NOV 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

10th November 2022

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/8449/20* |
| *Lokazzjoni:* | *53, Triq Manwel Magri, Hamrun* |
| *Proposta:* | *To sanction internal layout and façade differences of Class 4D from that approved in development permission PA 4455/18, including the proposed extension of the chimney* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Schembri Edwin**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2020, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 8449/20.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) il-permess gie approvat bil-kundizzjoni li jiddahhal engineer's report li jikkonferma li kien hemm compliance mad-dokument 145B.

III) Illi minhabba diffikolta logistika li kien hemm, dan ma sarx fit-terminu prefiss, izda sar wara u ghaldaqstant il-Kummissjoni irrifjutat il-permess (dismissed) u d-decizjoni giet ippublikata fid- 9 ta' Novembru 2022.

Bid-dovut rispett, l-appellanti jhossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottomettu dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi minhabba problemi logistici, ix-xoghol indikat ha izjed zmien minn dak previst u b' hekk ma sarx fit-terminu utili lilu moghti.

1.2 Illi pero l-Appellant ha il-mizuri kollha biex dan ix-xoghol isir tant illi l-istess xoghol sar u l-Engineer hareg id-debita certifikazzjoni.

1.3 Illi ghaldaqstant ikun opportun illi l-permess kif originarjament approvat jigi salvat u d-dismissal tigi revokata.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta' dismissal mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

Xhieda:

L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**